10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 7**

**25 ta' Settembru 2024**

Il-laqgħa numru 7 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar is-25 ta' Settembru 2024 fil-17.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Darren Grech

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sur Joe Vella

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

**1 Qari tal-ittri t'apoloġija**

F'din il-laqgħa kien hemm tlett ittri tal-apoloġija mis-Sur Joe Vella, is-Sur Stephen Sultana u Sa Roberta Sultana.

**2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

Punt 5.2 – ġie diskuss qabel peress li l-accountant kienet waslet u kienet qed tistenna

Punt - Siġar fil-perimetru tal-iskola, l-aħħar paragrafu jinbidel għal

Karl Carabott, Gianluca Falzon, u Joe Vella qablu li siġar taż-żebbuġ li hemm jibqgħu hemm, filwaqt li Silvio Vella, u Stephen Sultana irrimarkaw li hekk ser jitħawlu speċi ġodda ser ikun hemm tipi differenti u ser jiġu karnival.

**3 Rapport tal-intervisti post vakanti – Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku informa li kien hemm 3 applikanti imma li 2 applikanti biss attendew għal intervista. L-applikant l-ieħor kien bagħat email li m'għadux interessat. Dawn kienu is-sa. Isabella Abela u is-sa. Tiffany Abela. Il-Bord kien qed jirrimarka li is-sa. Isabella Abela ngħatat marka medja ta' 51% filwaqt lis-sa. Tiffany Abela ngħatat marka medja ta' 91%. Għalhekk il-Bord tal-għażla irrakkomanda li tiġi ingaġġata is-sa. Tiffany Abela bħala Segretarju Eżekuttiv.

Il-kunsilliera kollha qablu ma' din ir-rakkommandazzjoni

**4 Byelaw loitering**

Ġiet preżentata draft tal-byelaw tal-loitering. Din ġiet approvata mill-kunsilliera u għalhekk ser tingħata lill-avukat għal approvazzjoni.

## 5 Door numbering

Il-Kunsill ġie infurmat mid-Door Numbering unit li fi Triq il-Kbira San Gużepp hemm binjiet bl-istess numri li jinsabu fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Għaldaqstant dan qed joħloq inkonvenjent għar-residenti. Għalhekk id-door numbering unit kien qed jipproponi li biex tissolva din il-problema, dik il-parti wara l-akwadott tkun imsemmija b'isem ta' triq differenti biex b'hekk ikun jistgħu jinataw numri ta' bibien ġodda ukoll f'dik il-parti fejn hemm propjetajiet li jew m'għandhomx numru jew għandhom numri doppji. Il-ħsieb wara dan huwa biex jiġi evitat li jingħataw numri ġodda lil Triq il-Kbira San Ġużepp kollha.

Il-Kunsill iħoss li ma jagħmilx sens li triq sħiħa bħal Triq il-Kbira San Gużepp ikollha nofsha mod, u nofs ieħor mod ieħor. Is-Sur Carabott stqarr li hi ħasra li Triq jinbidlilha isimha imma jistgħu jinbidlu numri minn flok. Għaldaqstant il-kunsill qed jissuġġerixxi li jibqgħu l-istess numri, imma l-parti ta' fuq tat-Triq il-Kbira San Ġużepp, fuq iż-Żewġt naħat tiżdied il-frażi (Taħt l-Akwedott). Għalhekk l-indirizz ta' din in-naħa tat-Triq tiġi: Triq il-Kbira San Ġużepp (Taħt l-Akwedott) Santa Venera

## 6 Approvazzjoni board Ġieħ Santa Venera

Is-sindku informa li kien se jissuġġerixxi xi ismijiet għal board ta' Ġieħ Santa Venera. Hu qal ukoll li ħa inkonsiderazzjoni anke s-suġġerimenti li kien bagħat is-Sur Carabott. Għalhekk hu kien qed jinnomina lil:

- Albert Cassar bħala Chairman
- Joe Abela
- Anita Vella Bondin
- Mario Coleiro
- Miguel Cauchi

Is-segretarju Eżekuttiv ser tkun is-segretarja tal-bord. Is-sindku qed jissuġġerixxi li l-kumitat jiltaqa' l-ewwel ġimgħat ta' Ottubru sabiex jagħti deċiżjoni tiegħu, din tiġi mressqa quddiem il-kunsill fejn il-kunsill jieħu l-aħħar deċiżjoni.

Fuq dan kien hemm qbil unanimu

7 **Affarijiet żgħar mis-sindku**

- **Proposta – Janet Walker**

Kienet daħlet proposta mis-Sa Janet Walker fejn din xtaqet li pedestrian crossing li jinsab aktar il-fuq minn Casa Francesco tinbidel. Is-Sindku informa li bħalissa TM qed jgħamlu speed testing minħabba t-talba li saret fuq speed camera u għaldaqstant ser nkunu qed ninfurmahom b'din il-proposta ukoll.

- **Skema – Manutenzjoni Minuri f'Binjiet Pubbliċi**

Is-Sindku informa li id-diviżjoni tal-Gvern Lokali ħarġet skema għal Manutenzjoni minuri f'binjiet pubbliċi. Għaldaqstant is-sindku kien qed jissuġġerixxi li ssir manutenzjoni fil-binja tal-Kunsill Lokali bħal tibjid, kif ukoll bdil ta' tubi għal uħud aktar effiċjenti, kif ukoll xi xogħol ieħor li jkun hemm bżonn.

- **Applikazzjoni Un/loading – A+ power**

Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva applikazzjoni mingħand it-Transport Malta għal Un/loading bay fi Triq Misraħ il-Barrieri quddiem l-A+ power.

Il-kunsill jixtieq jagħmel laqgħa mas-sidien sabiex jiddiskuti din il-proposta. Il-Kunsill jixtieq jiffaċilita l-kummerċ imma jixtieq li l-parkeġġ jibqa'.

- **Applikazzjoni Un/loading – Rita u Nazzareno**

Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva applikazzjoni mingħand is-sinjuri Rita u Nazzareno għal Un/loading bay fi Triq Misraħ il-Barrieri in-naħa l-oħra tat-triq minn l-applikazzjoni t'hawn fuq. Hawn ukoll il-Kunsill jixtieq jagħmel meeting mas-sidien sabiex jiddiskuti din il-proposta

- **Soċjeta Filarmonika Santa Venera**

Din is-soċjeta' għamlet talba lil Kunsill preċedenti sabiex jieħdu ammont sostanzjali milll-planning development fund. Għal xi raġuni il-fatturi qatt ma tellgħu kunsill. Is-Sindku informa li hekk jimxu għal rashom dawn jistgħu jieħdu 70% imma hekk jissieħbu mal-Kunsill jistgħu jieħdu 100%. B'kollox huma kienu qed jitolbu għal 70K, li 36K minnhom kienu sejrin għal Arkivju u l-oħrajn għal proġett tal-faċċata. Is-sindku qal li hu kien qed joffri team legali tal-kunsill sabiex minn m'għamilx xogħol sewwa fil-faċċata l-għaqda tkun tista' tfittex lil-kuntrattur. Is-Sindku spjega ukoll li hemm fondi oħra li jistgħu japplikaw għalihom fosthom mill-Arts Council, u fondi tal-EU.

Għaldaqstant ġie deċiż li l-għaqda jibgħatu l-fatturi finali, il-kunsill jiltaqgħu magħhom u jgħin fl-ingaġġ mas-SEM u Arts Council.

- **Ilment**

Is-Sur Karl Carabott kien bagħat ilment fuq Triq l-Għolja fejn ippropona li jiżdiedu l-linji sofor doppji fuq iż-żewġt naħat tat-triq. Dan għaliex matul il-ġurnata servizzi bħal ġbir tal-iskart, distribuzzjoni tal-gass, kif ukoll emerġenzi ma jkunux jistgħu jipprovdu s-servizz tagħhom minħabba n-nuqqas ta' spazju.

Fuq dan kien hemm qbil unanimu u xogħol kien ser isir mill-ħaddiem tal-kunsill

- **Skola Saint Micheals**

Is-Sindku informa li bi qbil mal-imsemmija skola, l-vannijiet tal-Coop li jiġbru tfal ser ikunu qed jistennew fi Triq il-Kummerċ.

- **Siġar fi Skola Saint Michaels**

Is-Sindku informa li l-perit tal-kunsill kien issuġġerixxa li:

- Minnufih, is-siġar għandhom jiġu miżbura kif meħtieġ sabiex jitneħħew fergħat li huma viċin ħafna jew imissu mal-ħitan biex tiġi evitata ħsara minħabba rjieħ qawwija.
- Skont l-evalwazzjoni strutturali u r-rakkomandazzjoni tal-ERA, il-kunsill lokali jista' jqis li jneħħi s-siġar invażivi barranin li jeżistu biex tiġi evitata aktar ħsara u periklu potenzjali.
- Għall-benefiċċju taż-żona, tal-abitanti tagħha, u tal-utenti, huwa rakkomandat li jitħawlu siġar oħra aktar xierqa.
- Ix-xogħlijiet tat-tħawwil mill-ġdid għandhom jinkludu l-kostruzzjoni ta' qfief adegwati taħt il-livell tat-triq, inklużi dettalji xierqa bħal waterproofing u folji kontra l-għeruq.

Il-Kunsill qabel ma' dan unanimament.

- **Ħaddiem tal-manutenzzjoni tal-Kunsill**

Is-Sindku informa li wieħed mill-ħaddiema tal-manutenzjoni tal-Kunsill m'għandux kuntratt minkejja li ilu jaħdem ħafna mal-kunsill. Dan il-ħaddiem għandu karattru partikolari u hemm ħafna x'jirranġa imma meta tħares lejn il-paga li qed jitħallas issa u xogħol li qed jagħmel dan żgur ma kienx biżżejjed.

Għalhekk is-sindku qed jissuġerrixxi li jibqgħa bl-istess paga li għandu ta' Euro 500, imma sabiex il-kunsill ikun jista' jilħaq il-paga rikjesta jissuġerrixxi li l-Latrina tibda tinfetaħ u tinalaq mill-istess ħaddiem.

Is-Sur Silvio Vella, u Darren Grech issuġerrew li jibda jitħallas bil-paga minima u jżid is-sigħat għal 40 siegħa li dawn jiġu mqassma kif ikun hemm il-bżonn sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet tal-kunsill. Hu jkun on call hekk jinqala' xi bżonn. Is-sigħat tal-oncall ikunu parti mill-40 siegħa. Il-ftuħ, għeluq kif ukoll ħasil tal-latrina fi triq il-Kbira San Gużepp u dik li trid tinebna fil-ġnien Romeo Romano, huma parti ukoll mir-rwol tiegħu. Is-Sindku spjega li l-ħaddiem xtaq li jkollu l-ħadd filgħaxija off sabiex ikun jista' jżur l-ommu.

Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

- **Vann Lesa**

Is-Sindku informa li ġie ippublikat it-tender għal vann tal-komunita mill-fondi tal-lesa.

- **Jum Santa Venera**

Is-Sur Silvio Vella qal li l-attività għal festa tal-anzjani ser issir fi 12 ta' Novembru u hi miftuħa għal kulħadd.
Fuq dan kien hemm qbil unanimu

- **Ecohive**

Is-Sindku informa li kien hemm stendina mill-Ecohive sabiex l-komunità' iżur l-faċilitajiet tal-ecohive f'Marsaskala. Din il-faċilita tista' tlaħħaq ma' 65 persuna f'daqqa. Għaldaqstant is-sindku qed jissuġġerixxi li din l-istedina tingħata lil Girl Guides, b'aktar għaqdiet jistgħu imorru aktar tard fis-sena.

**8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Sindku spjega li hu jixtieq li laqgħat isiru f'ġurnata li jista' kulħadd għalhekk il-laqgħa li jmiss ser tkun 7 ta' Ottubru fil-17.00

Iffirmat

Gianluca Falzon

Sindku

Iffirmat

Tiffany Abela

Segretarju Eżekuttiv